MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 552/2010

**Mizzi Estates Limited (C-909)**

***kontra***

**Sunderlands Online Ltd. (C-38141)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta` Gunju 2010, u kkonfermat bil-gurament minn Kevin Caruana, li jaqra hekk –

*Peress illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta` tnejn u erbghin elf, mitejn u tmienja u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€42,258.74), inkluz il-VAT, rapprezentanti*

*bilanc ta` kera tal-fond Unit 2B, BMW Buildings, Rue D'Argens, Gzira u kontijiet ta` dawl u ilma (kopja ta` rendikont hawn anness u markat "Dok. A").*

*Peress illi ghalkemm interpellata biex thallas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.*

*Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura civili.*

*Peress illi safejn jaf l-esponent, is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti kontra t-talbiet attrici.*

*Peress illi ghalhekk is-socjeta` esponenti kellha tistitwixxi din il-procedura.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha : -*

*1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tnejn u erbghin elf, mitejn u tmienja u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€42,258.74), inkluz il-VAT, rapprezentanti bilanc ta` kera tal-fond Unit 2B, BMW Buildings, Rue D'Argens, Gzira u kontijiet ta` dawl u ilma.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta` sekwestru numru 787/10 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni u bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici kontra dik konvenuta.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Lulju 2010 fejn iddikjarat illi din il-kawza ma tistax tibqa` titqies bil-procedura sommarja specjali.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi.

Rat in-nota ta` tal-kumpannija attrici prezentata fis-16 ta` Lulju 2012 fejn irriduciet it-talba taghha mill-ammont ta` tnejn u erbghin elf, mitejn tmienja u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€42,258.74) ghall-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf, mija tnejn u disghin Euro u hdax-il centezmu (€23,192.11).

Rat l-atti tal-kawza.

**Billi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta pruvata skond il-ligi, qieghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta billi –**

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-ewwel talba.**

**2. Tilqa` t-tieni talba kif ridotta billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` tlieta u ghoxrin elf, mija tnejn u disghin Euro u hdax-il centezmu (€23,192.11), bilanc ta` kera tal-fond Unit 2B, BMW Buildings, Rue D'Argens, Gzira u kontijiet ta` dawl u ilma, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju, numru 787/10.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------